**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠSTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

**SEDUTA TAD-DISTRETT TA' TAS-SLIEMA**

**IL-PULIZIJA**

**Vs**

**Elaine Muscat**

Illum, 27 ta' Ottubru 2023

**Il-Qorti:**

Rat li Elaine Muscat ta' 41 sena, bint Louis u Valerie-Helen xebba' Borg, imwielda fid-19 t'April 1981 ġewwa l-Pietà, detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 204981M u residenti ġewwa 43, Flat 3A, Triq il-Punent, Valletta, ġiet akkużata:

"...

1. Talli fil-lejl ta' bejn is-16 ta' Jannar 2022 u 17 ta' Jannar 2022 gewwa Il-Gnien il-Kunsill ta' l-Ewropa li jinsab fix-Xatt ta' Xbiex, Ta Xbiex ikkommettiet serq ta' flus kontanti, liema serq hu aggravat bil-hin ghad-dannu ta' Muhammad Abdul Rehman Bajwa skond l-Artikoli 261(j), 281 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

2. U aktar Talli fil-lejl ta' bejn is-16 ta' Jannar 2022 u 17 ta' Jannar 2022 gewwa il-Gnien il-Kunsill ta' l-Ewropa li jinsab fix-Xatt ta' Xbiex, Ta Xbiex u/jew

f'xi bnadi ohra f'dawn il- Gzejjer waqt li kont f'post pubbliku jew f'post espost ghal pubbliku tlajjajt jew ghamilt biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali skond l-Artikolu 7 (2) tal-Kapitlu 63 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi irrendiet ruhha ricediva ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu."

Filwaqt li l-Prosekuzzjoni eżebiet il-fedina penali tal-imputat u estratt taċ-ċertifikat tat-twelid talbet li dan il-każ jiġi nvestigat skont il-Liġi.

Rat l-assenjazzjoni li saret mis-S.T.O. il-Prim Imħallef fid-9 ta' Marzu, 2023 skont l-Artikolu 11(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) u l-Artikolu 520 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9), li biha din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat li wara li l-uffiċjal prosekutur qara u kkonferma bil-ġurament l-akkużi kontra l-imputata hija ammettiet l-akkużi.

Rat li fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputata l-Qorti spjegat il-portata tal-ammissjoni lil-istess imputata. Spjegat ukoll lill-imputata il-possibbli sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi. Tat ukoll żmien lill-imputata biex terġa jikkonsulta mal-Avukat tiegħu, u tatha wkoll żmien biex terġa tikkonsidra l-ammissjoni tagħha, u meta l-Qorti reġgħat staqsiet lill-imputata jekk hux qed tikkonferma l-ammissjoni tagħha, hija ikkonfermat l-ammissjoni.

Rat l-atti proċesswali.

Semgħat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Fl-isfond ta' l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti ma għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputata Elaine Muscat detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 204981M ħatja ta' l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħha.

Il-Qorti hija tal-fehma, tenut kont tal-fedina penali tal-imputata u tenut kont ukoll li l-imputata diġà qed tiskonta sentenza fil-Faċilita Korrettiva ta' Kordin, sentenza ta' priġunerija effettiva ftit li xejn ikollha effett fuq l-imputata, u l-possibbiltà li dan tirriforma u tirrabilita ruħha tintilef. Il-Qorti hija mħassba dwar il-fatt li l-imputata għandha problema ta' droga. Hija daħlet fi programm għall dan il-vizzju minn tal-anqas darbtejn imma qatt ma spiċċatu. It-tħassib tal-Qorti joħroġ mill-fatt li hemm il-biża li malli l-ħatja toħroġ mill-imsemmija faċilita, jekk din ma tiġix segwita u ggwidata tajjeb, hija terġa taqa' fil-vizzju.

Għal dawn il-motivi wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261(j) 281, u 289 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta, peress li l-Qorti hija tal-fehma li jissussistu ċ-ċirkostanzi meħtieġa u msemmija fl-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tpoġġi lill-ħatja Elaine Muscat detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 204981M taħt Ordni ta' Probation għal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum, skont il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment llum stess liema piena għandha tibda sseħħ malli hija tiskonta l-pieni ta' priġunerija effettivi.

A tenur tal-Artikoli 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet imsemmi u li f'każ li hija tonqos milli tikkonforma ruħha ma' dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li tagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, tista' tingħata sentenza għar-reati li tagħhom tinstab ħati b'din is-sentenza, b'żieda mal-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza, tal-ordni ta' probation, u tad-digriet ta' llum għandhom

jiġu komunikati minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Uffiċjal tal-Probation mal-ħati. L-Uffiċjal tal-Probation assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.

In oltre ai termini ta' l-Artikolu 412D tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tqiegħed lill-ħatja Elaine Muscat detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 204981M taħt Ordni ta' Trattament, għar-riabilitazzjoni tagħha mid-dipendenza mid-droga, u dan għal perijodu ta' tlett (3) snin skont il-kundizzjonijiet fid-digriet kontestwali, f'liema żmien hija għandha toqgħod għar-rakkomandazzjonijiet tal-Uffiċjal tal-Probation li jiġi maħtur mid-Direttur tal-Probation u Parole. Il-Qorti fissret ukoll fi kliem sempliċi lill-ħatja l-effetti ta' din l-Ordni.

**Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------